


# Wara s-Serqa ... it-Tpattija

Mario Fenech

Dan huwa t-titlu tal-artiklu li kien ippubblikat fil-Ħarġa tal-"Leħen is-Sewwa" ta' nhar l-1 ta' Lulju 1950.

Kienet għadha kemm għaddiet sena mis-serqa sagrileġġa li kienet saret fuq l-istatwa tas-Sultana tagħna nhar id-9 ta' Frar 1949.

L-awtur tal-artiklu li ffirma Erasmus jgħid fil-kitba tiegħu: 'Wara s-serqa li ftit aktar minn sena ilu saret f'Tas-Sliema, fil-Knisja ta' Sidtna Marija tal-Qalb ta' Ġesù, il-parruċċani ma felħux jaraw iżjed ix-xbieha ta' ommna tas-sema f'dak l-istat li jbikki mingħajr ma jpattu huma nfushom u juru lill-Madonna l-imħabba tagħhom lejha, kif ukoll is-sogħba ta' kull ma kien ġara ...'

F'radda ta' salib min seta' neħħa minn subgħajh iċ-ċrieket tahomlha, oħrajn iċċaħħdu mid-deheb kollu li setgħu jgħaddu mingħajru, filwaqt li benefatturi li Alla pprovdielhom aktar minn ħaddieħor daħlu għall-ispejjeż biex il-kuruni ta' ras il-Madonna u ta' ras il-Bambin jerġgħu jsiru ġodda, isbaħ u ogħna milli kienu qabel. Benefattriċi li isimha ma tridx li jkun magħruf kif lanqas iridu jissemmew il-benefatturi l-oħra, ħallset biex il-qalb il-misruqa u li l-Qorti raddet lura lill-Patrijiet Franġiskani mgħaffġa u bla sura terġa' ssir mill-ġdid. U l-opri l-ġodda reġgħu saru u llum qed iżejnu l-istatwa artistika tal-Parroċċa tas-Sacro Cuor. L-ewwel ma saret kienet il-kuruna tal-Bambin u s-sena l-oħra, ġimgħa qabel il-festa ġiet imqiegħda fuq ir-ras divina tiegħu. Dakinhar ġiet imqiegħda wkoll il-qalb il-ġdida f'id il-Madonna.

Din is-sena, meta nhar il-Ħadd 18 ta' Ġunju, il-vara maħruġa min-niċċa tagħha bi tħejjija għall-festa tagħha li saret nhar il-Ħadd li għadda, il-kuruna tal-Madonna ġiet imbierka u mqiegħda fuq rasha fost il-ferħ u l-ħeġġa tagħna s-Slimiżi tal-Parroċċa ta' Sidtna Marija tal-Qalb ta' Ġesù.

Meta l-Madonna kienet ġiet misruqa, il-kuruna tagħha ma kinitx ġiet minsusa għar-raġuni li din kienet invitata ma' rasha filwaqt li dik tl-Bambin ma kinitx u għalhekk setgħet tkun meħuda b'aktar ħeffa.

Wara li l-kuruna tal-Bambin reġgħet saret ġdida u tqiegħdet fuq rasu, dehret il-ħtieġa li l-kuruna tal-Madonna tinbidel ukoll. U dan għal żewġ raġunijiet; l-ewwelnett għax id-deheb li nġabar u l-ħaġar prezzjuż u ċ-ċrieket tad-deheb u r-ruzzetti bid-djamanti, mhux biss swew biex issir il-kuruna ż-żgħira tal-Bambin, iżda kien fadal biżżejjed biex tkun tista' ssir ukoll kuruna xierqa lill-Madonna.

It-tieni raġuni kienet waħda ta' estetika. Qabel iż-żewġ kuruni ma kinux tal-istess xeħta u għalhekk kienu kontra kull gost u arti. Fil-waqt li tal-Bambin kienet kuruna ta' sultan kif tabilħaqq jixraqlu dik tal-Madonna ma kinitx kuruna ta' sultana għad li t-titular hu dak ta' "Sultana Tal-Qalb ta' Ġesù." Kien jeħtieġ immela li dan jissewwa u għalhekk lill-Madonna wkoll saritilha kuruna oħra li taqbel f'kollox għad li ogħna minn dik tal-Bambin.

Kelma issa fuq il-kuruni nnifishom u fuq min għamilhom. Il-kuruna tal-Bambin hi wiesgħa 5 pulzieri u għolja 9 pulzieri. Dik tal-Madonna wiesgħa 7 pulzieri u għolja 12-il pulzier. It-tnejn huma mrikkba minn boċċa b'salib fuq kull waħda, iżda s-salib ta' fuq il-kuruna tal-Madonna huwa bil-wisq ogħna minn dak tal-Bambin. Hu kollu tad-deheb b'ħames ħaġriet tat-topazz imqiegħdin fih. Dan is-salib prezzjuż tah kif inhu benefattur kbir tal-knisja. Il-materjal taż-żewġ kuruni hu kollu fidda imma maħsul bid-deheb li l-fidili taw lill-kappillan wara s-serqa faħxija li saret. Ir-ruzzetti mogħtija mill-benefatturi ġew imqiegħda mad-dawra tal-kuruna l-kbira u xi wħud oħra madik tal-Bambin.

Dan ix-xogħol ta' siwi u ta' arti ġie esegwit mid-Ditta 'Joseph Madiona' ta' Prince of Wales Road, ta' Tas-Sliema. L-artist li daħal għal din il-biċċa xogħol hu ż-żagħżugħ Edward Madiona ta' 22 sena li waħdu u bla għajnuna ta' ħadd ried jaħdem b'qalbu aktar milli b'idejh il-kururni tal-

